MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1526/2001/1

**PARADE LIMITED**

vs

Reverendu Patri Pawl **DARMANIN** O.F.M. in rappreżentanza tal-Ekonomat Provinċjali u l-*Property Commission* tal-Ordni tal-Franġiskani Minuri f'Malta

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 ta' Settembru, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li l-istess kumpannija attriċi għandha l-jedd titlob li l-konċessjoni ta' enfitewsi temporanja li l-istess kumpannija attriċi kellha favuriha fuq biċċa art li tinsab fi Triq Hughes Hallet, f'Tas-Sliema, u li

fuqha nbnew għadd ta' djar fejn joqogħdu ċittadini Maltin bħala d-dar tar-residenza tagħhom, tinbidel f'konċessjoni favuriha ta' enfitewsi li ma tagħlaqx, u dan billi r-rata ta' ċens tiżdied għal sitt (6) darbiet dak oriġinali ta' ħamsa u ħamsin ċenteżmi (Lm 0.55)[1] fis-sena, u bil-patti u l-kundizzjonijiet tal-konċessjoni oriġinali, u li tordna lill-imħarrek *nomine* jersaq għall-pubblikazzjoni tal-att nutarili pubbliku relattiv għall-finijiet tal-artikolu 12(4) tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta;  u li (b) tiffissa l-jum, ħin u post għall-pubblikazzjoni tal-att nutarili meħtieġ biex il-konċessjoni enfitewtika temporanja tinbidel f'waħda li ma tagħlaqx, u li taħtar lil nutar pubbliku biex jippubblika l-imsemmi att u kif ukoll kuraturi deputati biex jidhru fuq l-imsemmi att minflok dawk il-partijiet li jonqsu li jersqu. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek *nomine* fil-5 ta' Novembru, 2001, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li l-liġi li fuqha l-kumpannija attriċi qiegħda tressaq it-talba tagħha ma tgħoddx għall-każ.  Minbarra dan, dawk id-dispożizzjonijiet jiksru l-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsin fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tar-repubblika ta' Malta u kif ukoll fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.  Żied jgħid li l-azzjoni hija irritwali għax ma jitfissirx kif l-enfitewsi fuq il-ġid li l-kumpannija attriċi tgħid li tgawdi jikkwalifika biex jiddawwar f'wieħed li ma jagħlaqx, u dan billi ma jirrikorrux ir-rekwiżiti meħtieġa biex issir bidla bħal dik.  Temm jgħid li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Novembru, 2001[2], li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-imħarrek *nomine*;

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fit-3 ta' Jannar, 2002[3];

[1] Li jġibu €1.28 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 30 tal-proċess

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet ulterjuri mressqa mill-kumpannija attriċi fit-12 ta' Frar, 2002[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek *nomine* fit-13 ta' Frar, 2002[5];

Rat il-verbali tas-smigħ bejn is-16 ta' Mejju, 2002 u t-28 ta' Jannar, 2010, li bihom il-kawża kienet qiegħda titħalla tistenna l-eżitu ta' kawża kostituzzjonali li kienet tirrigwarda l-istess mertu tat-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek *nomine*[6];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal bdil ta' konċessjoni enfitewtika temporanja għal waħda li ma tagħlaqx. Il-kumpannija attriċi, bħala enfitewta ta' art li fuqha nbnew djar li fihom jgħixu ċittadini Maltin bħala residenza ordinarja, trid tinqeda b'dak li jipprovdu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12(4) tal-Ordinanza tal-1959 li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta), u trid lill-imħarrek *nomine*, fil-kwalita' tiegħu ta' direttarju tal-istess art, biex jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt nutarili meħtieġ biex idawwar favuriha l-imsemmija konċessjoni enfitewtika li għalqet f'waħda li ma tagħlaqx;

---

[3] Paġġ. 31– 2 tal-proċess
[4] Paġġ. 35 – 6 tal-proċess
[5] Paġġ. 38 sa 41 tal-proċess
[6] Rik. 1/2002 fl-ismijiet ***Josephine Buġeja vs Avukat Ġenerali et***

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek *nomine* laqa’ billi qal l-liġi li fuqha l-kumpannija attriċi qiegħda tressaq it-talba tagħha ma tgħoddx għall-każ. Minbarra dan, dawk id-dispożizzjonijiet jiksru l-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsin fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tar-repubblika ta’ Malta u kif ukoll fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Żied jgħid li l-azzjoni hija irritwali għax ma jitfissirx kif l-enfitewsi fuq il-ġid li l-kumpannija attriċi tgħid li tgawdi jikkwalifika biex jiddawwar f’wieħed li ma jagħlaqx, u dan billi ma jirrikorrux ir-rekwiżiti meħtieġa biex issir bidla bħal dik. Temm jgħid li t-talbiet attriċi m’humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-imħarrek *nomine*;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-kumpannija attriċi xtrat mingħand xi wħud bis-saħħa ta’ tliet kuntratti pubbliċi tas-17 ta’ Ġunju, 1999[7], tal-21 ta’ Lulju, 1999[8] u tas-17 ta’ Novembru, 1999[9], il-jeddijiet proprjetarji tagħhom ta’ enfitewti għaż-żmien li kien fadal minn konċessjoni enfitewtika ta’ mija u ħamsin (150) sena li bdiet tgħaddi mit-22 ta’ Lulju, 1850. Il-ġid li tiegħu l-kumpannija attriċi xtrat l-imsemmija jeddijiet jinsab fi Triq Hughes Hallet, Sliema. Fuq l-imsemmi ġid hemm mibnija l-fondi numri wieħed u għoxrin (21) sa sitta u għoxrin (26) fl-istess triq. Id-dirett dominju fuq l-istess ġid jappartieni lill-imħarrek *nomine*;

Illi l-fondi kollha huma d-dar fejn joqogħdu Maltin li jikru l-istess djar u jħallsu l-kera lill-kumpannija attriċi;

Illi meta kienet qiegħda toqrob id-data tal-għeluq tal-konċessjoni, il-kumpannija attriċi bagħtet tgħarraf lill-imħarrek *nomine* li riedet iddawwar l-enfitewsi f’waħda li ma tagħlaqx, u flimkien mal-ittra bagħtitlu *cheque* għal tliet lira Maltin u tletin ċenteżmi (Lm 3,30)[10]_rappreżentanti r-rata riveduta skond il-liġi taċ-ċens perpetwu fuq l-imsemmi

[7] Dok “A”, f’paġġ. 5 – 8 tal-proċess
[8] Dok “B”, f’paġġ. 9 – 12 tal-proċess
[9] Dok “Ċ”, f’paġġ. 13 – 16 tal-proċess
[10] Li jġibu €7.69 fi flus tal-lum

ġid. Talbitu wkoll biex jersaq għall-kuntratt biex il-konċessjoni tinbidel f'waħda li ma tagħlaqx;

Illi l-imħarrek *nomine* la wieġeb u lanqas aċċetta dak li talbitu l-kumpannija attriċi. Fis-27 ta' Lulju, 2000[11], il-kumpannija attriċi bagħtet titlob lill-imħarrek *nomine*, lid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt u lil Monsinjur Arċisqof b'ittra uffiċjali biex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt nutarili ta' enfitewsi perpetwa għall-finijiet tal-artikolu 12(4) tal-Kap 158;

Illi fit-12 ta' Settembru, 2001, il-kumpannija attriċi fetħet din il-kawża;

Illi fid-dawl taż-żewġ eċċezzjonijiet li huma l-mertu ta' din is-sentenza, l-konsiderazzjonijiet legali li l-Qorti trid tagħmel jolqtu aspett ta' tifsir u tħaddim ta' liġi li, għal żmien twil, kienet l-għajn ta' kwestjoni kontroversjali marbuta ma' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Kien minħabba f'hekk li din il-Qorti kienet qatgħetha li tistenna li l-Qorti kompetenti tiddirimi l-kwestjoni, minkejja l-istedina li għamlilha l-imħarrek *nomine* li din il-Qorti tinvesti l-kwestjoni kostituzzjonali imqajma minnu "*ope exceptionis*";

Illi **għal dak li jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek tajjeb li wieħed jara x'inhu l-ġid li l-kumpannija attriċi kienet tgawdi fuqu l-jeddijiet ta' enfitewta. Mill-kuntratti li tressqu fl-atti, ħareġ li l-ġid jikkonsisti fi djar ta' abitazzjoni. Ħareġ ukoll li fl-imsemmija djar ta' abitazzjoni jgħixu persuni ta' ċittadinanza Maltija bħala d-dar tar-residenza ordinarja tagħhom;

Illi l-artikolu 12(4) tal-Kapitolu 158 tal-liġijiet ta' Malta jgħodd għal djar ta' abitazzjoni, miżmuma minn ċittadini Maltin bħala r-residenza ordinarja tagħhom, u liema djar ikunu suġġetti għal enfitewsi li tagħlaq li tkun saret għal aktar minn tletin (30) sena qabel il-21 ta' Ġunju, 1979. Dak l-artikolu jistabilixxi wkoll li l-enfitweta għandu l-jedd li jitlob lid-direttarju biex dik il-konċessjoni enfitewtika li

[11] Dok "E", f'paġġ. 19 – 20 tal-proċess

tagħlaq tinbidel f'waħda li ma tagħlaqx, biċ-ċens jiżdied b'sitt (6) darbiet iċ-ċens li kien jitħallas minnufih tkun għalqet il-konċessjoni u jiżdied kull ħmistax-il (15) sena wara, kif preskritt mill-istess artikolu. Jekk jew meta l-enfitewta jagħżel li jinqeda minn dak il-jedd, jista' jitlob li jsir kuntratt nutarili f'dak is-sens, u d-direttarju għandu jilqa' dik it-talba[12]. Jekk l-enfitewta jonqos li jinqeda minn dak il-jedd sa żmien sitt (6) xhur minn meta sata' jinqeda bih, il-jedd li jdawwar il-konċessjoni enfitewtika f'waħda li ma tagħlaqx jgħaddi għand min ikun joqgħod fil-post suġġett għal dak iċ-ċens[13];

Illi huwa ċar li, għall-anqas mill-provi li tressqu quddiem il-Qorti s'issa, iċ-ċirkostanzi fattwali li jirriżultaw juru li l-attriċi tista' tinqeda minn dak li jipprovdi l-artikolu 12(4) tal-Ordinanza. Minkejja li l-artikolu 12(4) tal-Ordinanza jorbot il-jedd tal-bidla minn enfitewsi temporanja gġal waħda ma tagħlaqx mal-fatt li l-fond ikun dar ta' abitazzjoni li tkun użata bħala r-residenza ordinarja ta' persuna li tkun ċittadin Malti, mkien ma jingħad li l-okkupant irid ikun tabilfors huwa nnifsu l-enfitewta. Dan joħroġ minn dak li jiddisponi l-artikolu 12(5) tal-istess Ordinanza;

Illi, min-naħa tiegħu, għalkemm l-imħarrek *nomine* qajjem din l-eċċezzjoni, naqas għal kollox li jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu dwarha u wisq anqas fisser għaliex l-artikolu li qiegħda tistrieħ fuqu l-kumpannija attriċi ma jgħoddx għall-każ tagħha. Din, min-naħa tagħha, uriet għaliex dak l-artikolu għandu jgħodd biex isejjes it-talba tagħha li titlob il-bidla tal-konċessjoni enfitewtika f'waħda li ma tagħlaqx;

Illi għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni m'hijiex tajba u mhix sejra tintlaqa';

Illi **għal dak li jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni** l-konsiderazzjonijiet jieħdu xejra oħra. B'din l-eċċezzjoni, l-imħarrek *nomine* jisħaq li jekk joqgħod għat-talba tal-kumpannija attriċi, huwa ser iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għat-tgawdija paċifika ta' ħwejġu kif imħarsin bl-artikolu 37

[12] Art. 12(6) tal-Kap 158
[13] Art. 12(5) tal-Kap 158

tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Huwa jistrieħ fl-argument tiegħu fuq dak li kienet iddeċidiet il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Ottubru, 2000, f'każ li stħarreġ ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali fir-rigward tal-jedd mogħti fl-artikolu 12(4) tal-Ordinanza[14];

Illi l-kumpannija attriċi twarrab l-imsemmi argument u tisħaq li dak li sata' kien deċiż minn qorti f'każ wieħed li fih l-ebda waħda mill-partijiet f'din il-kawża ma kienet parti, ma jorbotx lill-partijiet f'din il-kawża. Minbarra dan, iżżid tgħid li jekk kemm-il darba l-imħarrek *nomine* jidhirlu li t-talba attriċi sejra ġġiblu ksur ta' xi jedd fundamentali, imissu jniedi l-proċedura meħtieġa biex jattakka l-liġi u mhux jistieden lil din il-Qorti twettaq stħarriġ ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali fi proċedura li kulma trid hu li jitwettaq il-vot tal-liġi dwar jedd mogħti lilha li tibdel tgawdija taħt enfitewsi li tagħlaq ma' waħda li ma tagħlaqx. Tgħid ukoll li, f'kull każ, l-imħarrek *nomine* mhu sejjer jonqoslu xejn mill-jeddijiet li huwa kien igawdi fuq il-ġid mertu tal-każ, jekk kemm-il darba kellu joqgħod għal dak mitlub minnu fl-ewwel talba attriċi;

Illi l-kwestjoni mqanqla mill-eċċezzjoni taħt eżami tul dawn l-aħħar snin kienet materja li l-Qrati tagħna ntalbu jipprovdu dwarha taħt il-profil ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali, sewwasew kif trid l-eċċezzjoni taħt eżami. Meta nfetħet din il-kawża, l-kwestjoni kienet tinsab diġa' quddiem il-Qorti kompetenti f'każijiet li jixxiebhu. Kien għalhekk li din il-Qorti qieset li jkun għaqli li tistenna l-eżitu tas-sentenzi tal-Qorti l-oħra fl-istħarriġ tal-imsemmija kwestjoni, minflok li tordna lill-imħarrek *nomine* jgħaddi biex jiftaħ proċeduri dwar ksur ta' jedd fundamentali jew li din il-Qorti nnifisha tinbidel f'waħda ta' kompetenza kostituzzjonali biex tqis u tistħarreġ hi l-"kwestjoni kostituzzjonali";

Illi l-Qorti tagħraf ukoll li d-deċiżjonijiet li ngħataw mill-Qrati Maltin dwar dan il-punt mhux dejjem kienu jaqblu sewwa ma' xulxin u dan nissel xi ftit tat-tħassib u ta' inċertezza

[14] P.A. (Kost) RCP fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Galea Testaferrata vs Il-Prim Ministru et***

dwar il-qagħda applikabbli u, wisq aktar, it-tħaddim tal-liġi. Madankollu, llum jista' jingħad li fuq il-qagħda ntefa' dawl li jgħin biex kwestjonijiet bħal din jistgħu ikunu deċiżi bla ma l-qrati għandhom għalfejn jirreferu l-kwestjoni quddiem Qorti tal-kompetenza kostituzzjonali jew li jordnaw li jinfetħu proċeduri speċifikament għalhekk[15];

Illi mill-ġabra ta' prinċipji li jinstiltu mill-imsemmija sentenzi, għandu jirriżulta li l-jeddijiet mogħtija kontra d-direttarju taħt l-artikolu 12(4), (5) u (6) tal-Ordinanza, skond il-każ, imisshom jitqiesu bħala suriet ta' kontroll min-naħa tal-Istat tal-użu li jsir minn ġid il-privat[16]. B'danakollu, s-setgħa mogħtija lill-Istat li jikkontrolla l-użu tal-ġid ukoll għal għanijiet soċjali jew fl-interess pubbliku trid titwettaq b'mod proporzjonali mal-interessi tas-sid privat fit-tgawdija ta' ħwejġu[17]. Din il-proporzjonalita' tinkiseb fis-sura ta' ħlas ta' kumpens xieraq u għalhekk jekk il-kumpens maħsub mil-liġi ma jkunx xieraq, jonqos l-element tal-proporzjonalita'. Jekk jonqos dan l-element, ikun hemm ksur tal-jedd fundamentali għat-tgawdija paċifika tal-ġid. Jekk wieħed iqis ukoll l-effetti tal-bidla f'ċens temporanju għal wieħed li ma jagħlaqx, u b'mod partikolari fil-jedd tal-enfitewta li jifdi ċens hekk mibdul, wieħed jista' jara wkoll ksur kemm tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni[18];

Illi jekk wieħed kellu jħaddem l-imsemmija prinċipji stabiliti mill-ogħla Qorti għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li din il-Qorti għandha quddiemha, wieħed malajr jintebaħ li jonqos sewwa l-element tal-proporzjonalita' bejn il-jedd mogħti lill-kumpannija attriċi biex titlob il-bidla tal-konċessjoni enfitewtika minn waħda temporanja għal waħda li ma tagħlaqx u dak tat-tgawdija paċifika ta' ġidu min-naħa tal-imħarrek *nomine*. Il-Qorti ma kellhiex għalfejn tgħaddi għall-ħatra ta' perit tekniku biex jgħidilha kemm jiswa l-ġid (benefikat mibni fuq l-art li tiegħu l-kumpannija attriċi qiegħda titlob lill-imħarrek *nomine* jgħaddilha t-tgawdija għal dejjem. Meta wieħed iqis li l-

---

[15] Ara P.A. AE **7.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Clara Sanders vs Marcus Marshall noe et***
[16] Kost. **7.12.2009** fil-kawża fl-ismijiet *Josephine Buġeja et vs Avukat Ġenerali et* §§ 29, 33, 35 u 37
[17] *Ibid.* §§ 56 u 58
[18] Kost. **11.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***John Buġeja vs Rev. Alfred Calleja noe et*** §§ 19, 20, 21, 25 u 26

kumpens mogħti lill-imħarrek *nomine* bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12(4) tal-Ordinanza jitla' għal seba' euro u disgħa u sittin ċenteżmi (€7.69) fis-sena, ma jista' jkun qatt li jifhem li dak hu kumpens li jwieżen il-valur tal-ġid li dwaru l-kumpannija attriċi ressqet din il-kawża mal-konċessjoni li qiegħda tintalab. Dan jgħodd ukoll f'dawn iż-żminijiet fejn is-suq għaddej minn pressjonijiet li baxxew xi ftit il-valur tal-ġid immobbli;

Illi jekk wieħed imbagħad iqis x'ikun sejjer jiġri meta jagħlqu l-ewwel ħmistax-il (15) sena minn meta għalqet il-konċessjoni oriġinali – jiġifieri fil-21 ta' Lulju, 2015 – l-imsemmi ċens sejjer jiżdied għal mhux aktar minn ħmistax-il euro u tmienja u tletin ċenteżmi (€ 15.38) kull sena. Jekk, imbagħad, il-kumpannija attriċi tkun tixtieq tagħżel li tifdi l-istess ċens wara li tkun seħħet l-ewwel reviżjoni[19], is-somma li tkun dovuta lill-imħarrek *nomine* għall-ġid kollu li jinsab fuq l-art in kwestjoni tkun tiddependi mir-rati li jħallsu l-banek kummerċjali għal depożiti ta' għamla fissa fiż-żmien tal-fidi. F'dan il-każ, wieħed ma jistenniex li l-imħarrek *nomine* se' jkun qiegħed jirċievi xi somma li toqrob imqar lejn il-valur xieraq ta' kumpens għall-ġid li jkun qiegħed jinfeda;

Illi għalhekk, tħares minn fejn tħares lejn il-qagħda li tirriżulta bit-tħaddim korrett tad-dispożizzjoni tal-liġi f'dan il-każ, għandu jirriżulta li l-imħarrek *nomine* se' jkun qed iġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu fuq ħwejġu;

Illi għalhekk it-tieni eċċezzjoni tiegħu hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi għalkemm din is-sentenza kienet tirrigwarda l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-imħarrek *nomine*, il-fatt li l-Qorti sejra tilqa' t-tieni eċċezzjoni tiegħu jġib l-effett li **l-ewwel talba** ma tistax tintlaqa' bla ma tikkawża l-ħsara lill-imħarrek *nomine*, ladarba l-kumpannija attriċi diġa' wriet li hija trid timxi sewwasew ma' dak li jrid l-artikolu 12(4) tal-Ordinanza. Għalhekk il-Qorti ser ikollha tiċħad l-ewwel

[19] Skond il-*proviso* tal-artikolu 1501(2) tal-Kap 16

talba attriċi.  Minħabba f'hekk, sejra tiċħad ukoll it-tieni talba, minħabba li din tiddependi mill-ewwel waħda;

Illi ma hemmx għalfejn, għalhekk, li l-Qorti tistħarreġ l-eċċezzjonijiet l-oħrajn;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek *nomine* billi m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u fil-liġi;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrek *nomine* billi ssib li t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet partikolari tal-liġi li fuqha tinbena l-azzjoni attriċi iwasslu biex l-imħarrek *nomine* jġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għat-tgawdija paċifika ta' ħwejġu kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** għar-raġuni li għadha kemm issemmiet;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** għaliex din hija dipendenti fuq l-ewwel talba;

**Tastjeni milli tqis it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet** tal-imħarrek *nomine*, fid-dawl tal-konklużjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra u tat-talbiet attriċi; u

**Tordna** lill-kumpannija attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------